# ID-DFIN FIL-KNISJA PARROKKJALI TAL-QRENDI

Fl-antik f'kull parroċċa f'Malta id-dfin kien isir fil-knisja u l-istess kien isir fil-knisja parrokkjali tal-Qrendi. Meta nbena ċ-ċimiterju tal-parroċċa id-dfin beda jsir f'dan il-post u fil-knisja tnaddfu l-oqbra u sar il-paviment tal-irħam li hemm illum.

Meta kien isir id-dfin fil-knisja, l-art kien hemm ħafna oqbra mgħottija b'kaptelli. Fil-festi tar-raħal dawn l-oqbra kienu jitgħattew bil-weraq tal-klin u r-rand biex b'hekk tinħeba xi ftit id-dehra tal-post.

F'dawk iż-żminijiet id-dfin kien isir b'dan il-mod:

- Meta l-funeral kien isir filgħodu, qabel l-quddiesa tal-ewwel li kienet issir fl-4.30, kien joħroġ il-korteo funebri mill-knisja sad-dar tal-persuna li tkun mietet. Qabel il-gwerra, ir-reffiegħa kienu jkunu l-fratelli stess. Meta l-funeral jasal lura fil-knisja, it-tebut jitqiegħed fin-nofs fuq il-banketti u jkun imdawwar bix-xemgħa, skond ma' kemm il-fratellanza kien ikun miktub. Kienet tibda l-uffiċċjatura u wara ssir il-quddiesa kantata u d-difna.
- Jekk il-persuna mejta kienet tinġarr fil-knisja filgħaxija u ma jkunux għaddew l-24 siegħa mill-mewt, kien jinżamm fuq bankun u mietu kien irid joqgħod xi ħadd għassa sal-ħin tal-funeral li kien isir l-għada filgħodu. Mas-sebħ kienet issir il-funzjoni u waqt id-difna kellu jkun preżenti il-kappillan jew xi pulizija bħala xhud tad-difna.

F'dan l-artiku qed nipproducu pjanta tal-knisja parrokkjali tal-Qrendi li turi kif kienu mqassmin uħud mill-oqbra. Ta' min jgħid li l-knisja kienet kollha oqbra, ħafna minnhom tal-komun filwaqt li oħrajn kienu ta' nies tat-tajjeb li kienu jżejnuhom b'lapidi tal-irħam interzjati (tat-tip li naraw fil-konkatidral ta' San Ġwann).

Il-pjanta turi l-aktar oqbra magħrufin. Fil-kor kien hemm tliet oqbra tal-qassisin (1) li baqgħu jintużaw sakemm saru oħrajn biswit l-artal ta' Lourdes fil-kappellun tal-Agunija. F'dan il-kappellun kien hemm il-qabar ta' Dun Franġisk Bugeja (2) li miet fit-22 ta' April 1915 fl-eta' ta' 76 sena. Biswit l-artal ta' Lourdes (3) kien hemm il-qabar ta' Dun Santu Agius li miet fit-18 ta' Awwissu 1931, kif ukoll in-neputi tiegħu Dun Mattew Magro li miet fid-29 ta' Jannar 1927 fl-eta' ta' 30 sena. Ta' min jinnota li dawn l-oqbra kienu jinżlu fihom permezz ta' taraġ li jwassal sa kamra ċkejkna, taħt l-artal ta' Lourdes, li fiha kienu jitqegħdu l-mejtin.

Fil-korsija fuq nett kien hemm sett oqbra tal-familji li kienu mgħottija b'lapidi żgħar tal-irħam (4) u warajhom sett ieħor għat-trabi (5). Biswit l-artal tal-Kunċizzjoni, maġemb il-fonti, kien hemm il-qabar tal-Kappillan Antonio Mizzi (7) li miet fil-11 ta' Novembru 1804 fl-eta' ta' 80 sena u wra 48 sena bħala Kappillan tal-Parroċċa tal-Qrendi. Qribu nsibu l-qabar (6) ta' żewġt aħwa qassisin, Dun Giovanni Bonanno li miet fl-1848 u Dun Michele Bonanno li miet fl-1867.

Fil-Kappellun tar-Rużarju, biswit l-artal tar-Rużarju, (8) kien hemm il-qabar ta' Dun Ċelest Camilleri li miet fl-14 ta' Novembru 1818. Il-qabar biswit l-artal tal-Karmnu (9) kien tal-familja Xuereb. Kien ukoll qabar bit-taraġ li kien jibda minn nofs il-kappellun u jwasslek ġo kamra tad-dfin taħt l-istess artal. Ftit 'l quddiem minnu, taħt il-presbiterju, kien hemm il-qabar tal-familja De Piro (10).

l-aħħar difna fil-knisja parrokkjali kien fil-21 ta' Diċembru 1952. Is-sagristija tal-knisja (11) kienet tintuża bħala ossarju (jew kif nafuha kennierja) u kien fiha żewġ bokok (A u B) li llum huma magħluqin. Qabel beda x-xogħol tal-paviment tal-irħam fil-knisja, dawn l-oqbra tnaddfu u l-fdalijiet ġew miżmuma fl-ossarju fis-sagristija.

(Informazzjoni mogħtija mis-Sur Pinu Axiaq)


B
1
11
A
9
2
10
8
3
4
5
7
6